Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 162/2003

ta' 30 ta' Jannar 2003

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta'xi additiv fl-oġetti ta' l-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 26, 31.1.2003, p. 3)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1519/2007 tad-19 ta' Diċembru 2007	L 335	15	20.12.2007
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 976/2008 tas-6 ta' Ottubru 2008	L 266	3	7.10.2008

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 162/2003

ta' 30 ta' Jannar 2003

li jikonċerna l-awtorizzazzjoni ta'xi additiv fl-oġetti ta' l-ikel

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ta' 23 ta' Novembru 1970 li tikonċerna ż-żieda fl-oġġetti ta' l-ikel [1], bħal ma kienet l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1756/2002 [2], u partikolarment bl-Artikolu 9 tagħha,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 2(aaa) tad-Direttiva 70/524/KEE awtorizzazzjonijiet biex ipoġġu fiċ-ċirkulazzjoni l-coccidiostats għandhom jkunu marbutin ma' dik il-persuna li tkun responsabbli għat-tpoġġija tagħhom fiċ-ċirkulazzjoni. Dawn l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw għall-perjodu ta'10 snin basta jitħarsu l-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 3a ta' dik id-diretiva.

(2) L-istima tat-talba għall-awtorizzazzjoni mresqa fil-każ tal-preparazzjoni tal-coccidiostat speċifikat fl-Anness ta' dan ir-regolament, turi li l-kondizzjonijiet riferuti fl-Artikolu 3a ta' d-Direttiva 70/524/KEE huma soddisfatti. Il-preparazzjoni tal-coccidiostat għalhekk tista' tiġi awtorizzat a u mdaħħla fil-Kapitolu I tal-lista ta' oġġetti additivi awtorizzati fl-oġġetti ta' l-ikel riferuti fl-Artikolu 9t(b) ta' dik id-Direttiva..

(3) Il-Kumitat Xjentifiku dwar in-nutrizzjoni ta' l-annimali ta oppinjoni favorevoli rigward is-sigurtà u l-effetti favorevoli fuq il-produzzjonijiet ta' l-annimali tal-preparazzjoni tal-coccidiostat taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Food Chain u s-Saħħa ta' l-annimal.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-additiv li jappartjeni għall-grupp "Coccidiostats u sustanzi mediċinali oħra" imniżżla fl-Anness ma' dan ir-Regolament huwa awtorizzat bħala additiv biex jintuża fin-nutrizzjoni ta' l-annimal taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

---

[1] ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.
[2] ĠU L 265, tat-3.10.2002, p. 1.

▼M2

ANNESS

Numru tar-reġistrazzjoni tal-addittiv	Isem u numru tar-reġistrazzjoni tal-persuna responsabbli għaċ-ċirkolazzjoni tal-addittiv	Addittiv (isem kummerċjali)	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni	Limiti massimi ta' Residwu (MRLs) fl-oġġetti tal-ikel relevanti li joriġinaw mill-annimali
						mg ta' sustanzi attivi/kg ta' għalf sħiħ				
Coccidiostats u sustanzi mediċinali oħra										
E 771	Janssen Pharmaceutica nv	Diclazuril 0,5 g/100 g (Clinacox 0,5 % Premix) Diclazuril 0,2 g/100 g (Clinacox 0,2 % Premix)	*Kompożizzjoni tal-addittiv:* Diclazuril: 0,5 g/100 g Sojja miṫħun: 99,25 g/100 g Polyvidone K 30: 0,2 g/100 g Idrossidu tas-sodju: 0,0538 g/100 g Diclazuril: 0,2 g/100 g Sojja miṫħun: 39,7 g/100 g Polyvidone K 30: 0,08 g/100 g Idrossidu tas-sodju: 0,0215 g/100 g Qamħ ta' kwalità inferjuri: 60 g/100 g *Sustanza attiva:* Diclazuril $C_{17}H_9Cl_3N_4O_2$, (±)-4-chlorophenyl[2,6-dichloro-4-(2,3,4,5-tetrahydro-3,5-dioxo-1,2,4-triazin-2-yl)phenyl]acetonitrile, Numru CAS: 101831-37-2 *Impuritajiet irrelatati:* Kompost ta' degradazzjoni (R064318): ≤ 0,2 % Impuritajiet irrelatati oħra (R066891, R066896, R068610, R070156, R068584, R070016): ≤ 0,5 % individwalment Impuritajiet totali: ≤ 1,5 %	Tiġieġ imrobbija għall-bajd	16-il ġimgħa	1	1	—	20.1.2013	1 500 µg diclazuril/kg ta' fwied imxarrab 1 000 µg diclazuril/kg ta' kilwa mxarrba 500 µg diclazuril/kg ta' muskolu mxarrab 500 µg diclazuril/kg ta' ġilda/xaħam imxarrba/imxarrab